MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1168/2000/1

**Stephen Busuttil Naudi**

**vs**

**Joseph Rizzo**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' elf hamsa u sebghin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm1,075.92) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata.

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghall-hlas kuwa baqa' inadempjenti.

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur il-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talba ghall-hlas.

Ghalhekk l-attur qed jitlob, in vista ta' dak li gie premess u tal-affidavit tal-attur hawn anness immarkat dokument "X", dispensat is-smiegh tal-kawza a termini tal-Artikoli 167 et. Seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u ta' Procedura Civili (Kap.12), li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hamsa u sebghin lira u tnejn u disghin centzmu (Lm1,075,92c) rapprezentati l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ipprezentat kontestwalment, u tal-ittri bonarji tal-9 ta' Ottubru 1997 u tas-7 ta' Lulju 1997, u bl-imghax legali mill-10 ta' Jannar, 1997, li hija d-data tal-ahhar konsenja, kontra l-konvenut li ukoll gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lisa tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota' ta' Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1 Illi preliminarjament l-intempestivita' tal-azzjoni stante li l-partijiet f'Mejju 2000 kienu lahqu ftehim bejniethom u din l-azzjoni saret wara dan il-ftehim minghajr xi forma ta' preavviz min-naha ta' l-attur.

2 Illi bla pregudizzju ghas-suespost d-domanda tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attur stante li kien l-attur stess li naqas li jonora ftehim ta' Ottubru 1996 u iehor ta' Mejju 2000.

3 Illi l-ftehim ta' Ottubru 1996 kien jistipula li l-attur jikkonsenja lill-konvenut mudelli elettronici, liema mudelli l-istess attur kien obbliga ruhu li jirrimpjazzahom b'mudelli godda meta dawn ta' l-ahhar johorgu fuq is-suq.

4 Inoltre l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenuti jzomm ghandu mudelli duplikati fuq talba tal-istess attur u dan biex l-istess konvenut ikun fornit sewwa bil-merkanzija. Dan kien taht il-kundizzjoni espressa tal-konvenut li huwa jikollu d-dritt li jew jirittorna l-mudelli duplikati skond ix-xoghol tal-mument (u peress illi dawn il-mudelli jinbidlu sikwit), u li l-mudelli kollha jigi sostituti aktar recenti meta dawn tal-ahhar johorgu fuq is-suq. Din il-parti tal-ftehim l-attur ghazel li ma jonorax.

5 Illi inoltre u wara li dan il-ftehim ma giex onorat mill-attur, f'Mejju 2000, il-partijiet tramite il-medjatur John Tabone kienu lahqu li l-attur ghandu jiehu l-mudelli kollha li kien baqa' mill-konsenji ta' Ottubru 1996 u Jannar 1997 u li kienu mudelli duplikati.  B'risultat ta dan il-ftehim, il-konvenut fit-23 ta' Mejju 2000 kien baghat statement lill-attur, liema statement ma giex kontestat minnu.  Kien propju ghal din ir-raguni ghaliex l-oggetti kollha fil-pussess tal-attur ma gewx depositati taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti kif kien indika l-konvenut fil-ittra tieghu tas-16 ta' Lulju 1997.

6 Illi b'risultat ta' l-inadempjenza ta' l-attur li naqas li jonora ftehim t'Ottubru 1996 u ta' Jannar 1997 u dak sussegwenti ta'Mejju 2000, il-konvenut sofra danni li jammontaw ghal elf hames mija u sittax-il lira u erbghin centzmu rapprezentanti merkanzija duplikata li l-attur qed jirrifjuta li jaccetta skond l-istess ftehim u li l-istess konvenut jirrizerva kull azzjoni kontra l-attur rigwardanti tali danni li sofra.

Rat id-dikjarazzjoni ta'l-konvneut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat id-dikriet taghha tas-7 ta' Lulju 2000 li permezz tieghu l-konvenut gie ammess li jippresenta nota ta' eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-12 ta' Dicembru 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenut irtira l-eccezzjoni preliminari tieghu dwar l-intempestivita'.

Rat it-tieni affidavit tal-attur.

Semghat l-attur in kontro-ezami u x-xhieda Dennis Vella u John Tabone prodotti mill-konvenut.

Semghat lill-konvenut anke fil-kontro-ezami.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

L-attur Stephen Busuttil Naudi ghandu negozju ta' bejgħ ta' attrezzaturi tas-sajd u "marine electonics." In-negozju tal-attur hu fuq bazi "wholesale." Jirrizulta ukoll li l-attur kien jinnegozja ma l-konvenut Joseph Rosso, li huwa "retailer" u jinnegozja minn ħanut maghruf bhala "SeaLink Marine Centre" li jinsab il-Gżira.

Fil-presenti kawza l-atur qed jippretendi li l-konvenut ghad ghandu jhallsu s-somma ta' elf hamsa u sebghin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm1,075.92) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata u kwindi l-istess attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imsemmija somma.

Da parti tiegħu, il-konvenut fl-ewwel lok ecċepixxa li l-azzjoni hi intempestiva, pero', kif gia gie rilevat, din l-eccezzjoni preliminari giet irtirata mill-konvenut u kwindi l-Qorti mhux ser tiehu aktar konjizzjoni taghha. Il-konvenut ikompli jeċċepixxi li ma ghandu jaghti xejn stante li l-attur ma onorax il-ftehim li sar bejn il-partijietb f'Ottubru 1996 fejn l-attur kellu jikkonsenja lill-konvenut mudelli elettronici, liema mudelli kellhom jigu rimpjazzati mill-attur b'mudelli godda meta l-mudelli originarjament konsenjati

jkunu hargu mis-suq. Inoltre l-konvenut jsostni li kien sar ftehim simili f' Mejju 2000.

Il-konvenut jeċepixxi ukoll li kien sar ftehim li l-konvenut izomm ghandu mudelli duplikati sabiex l-istess konvenut ikun fornit sewwa bil-merkanzija, pero' bil-kondizzjoni li l-konvenut jkollu d-dritt li jirittorna l-mudelli duplikati skond ix-xoghol tal-mument, kif ukoll li l-mudelli kollha jigi sostituti b'ohrajn aktar recenti. Skond il-konvenut l-attur naqas li jonera dan il-ftehim. F'Mejju 2000, tramite il-medjatur John Tabone il-partijiet lahqu ftehim li l-attur kellu jiehu l-mudelli kollha li kien baqa' mill-konsenji ta' Ottubru 1996 u Jannar 1997 u li kienu mudelli duplikati. Ghalhekk il-konvenut fit-23 ta' Mejju 2000 baghat prospett lill-attur, liema prospett ma giex kontestat mill-attur u konsegwentement il-konvenut ma pprocedix biex jiddeposita l-mudelli that l-awtorita' tal-Qorti.

Il-konvenut isostni li b'riżultat ta' l-imsemmija inadempjenza tal-attur huwa sofra danni li jammontaw ghal elf hames mija u sittax-il lira u erbghin centezmu (Lm1516.40) rapprezentanti l-valur tal-merkanzija li l-attur qed jirrifjuta li jaccetta lura.

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

Dwar l-imsemmija eccezzjonijiet fil-mertu, ghandu jigi nnotat li l-konvenut qed isostni li m'ghandu jaghti xejn lill-attur stante li l-istes attur ma onorax ftehim li kien sar bejniethom, u ċioe' l-attur naqas li jirrimpjazza b'mudelli godda meta l-mudelli konsenjati fl-ewwel lok johorgu mis-suq, u inoltre l-attur naqas li jiehu lura mudelli duplikati. L-attur isostni li huwa qatt ma obbligu ruhu versu l-konvenut kif qed isostni l-istess konvenut fin-nota ta'eccezzjonijiet tieghu. F'dan ir-rigward l-attur jippretendi li l-uniku ftehim li kien hemm kien li l-merkanzija kellha titħallas ma l-konsenja. Hu evidenti li dan hu kaz ta' konflitt tal-versjonijiet tal-partijiet dwar il-fatti kif sehhew fin-negozjati li saru bejnithom u li fil-fatt wasslu ghal dawn il-proceduri.

Il-konvenut wera certa inkonsistenza dwar xi ftehmu eżattament huwa u l-attur dwar il-konsenji tal-merkanzija in kwestjoni. Fl-eċċezzjonijiet, il-konvenut jgħid illi kien hemm żewġ affarijiet illi dwarhom ftehmu huwa u l-attur, u ċioe l-ewwel illi l-attur jirrimpjazza mudelli antiki b'mudelli ġodda meta dawn joħorġu mis-suq u t-tieni li l-konvenut iżomm muddelli duplikati bil-ftehim illi jkun jista jirritornhom lill-attur. Fid-deposizzjoni tieghu, meta xehed f'dawn il-proceduri (seduta tas-17 ta' Jannar 2002), il-konvenut jgħid illi fir-rigward ta' konsenja minnhom kien hemm biss il-ftehim li l-attur kellu jirrimpjazza mudelli antiki b'mudelli aktar moderni meta dawn joħorġu mis-suq.

Il-konvenut isostni li l-partijiet kienu ftehemu fil-presenza tax-xhud Dennis Vella, li jaħdem "part-time" mal-konvenut. Dan Dennis Vella a fol 30 xehed illi l-partijiet għamlu patt quddiemu illi meta joħroġ xi strument ġdid fuq is-suq, l-attur kellu jieħu l-istrument l-antik u jforni lill-konvenut bl-istrument il-ġdid. L-istess xhud ikompli jghid li meta sar dan il-ftehim, il-konvenut kien ordna xi xogħol mingħand l-attur.

Jirriżulta mix-xhieda tal-attur illi saru żewġ konsenji ta' xogħol mill-attur lill-konvenut. Sar il-ħlas għall-ewwel konsenja. Wara xi tliet xhur, reġa saret konsenja oħra mill-attur, u l-konvenut qal lill-attur illi huwa kien ser jaċċettaha bil-kondizzjoni li jekk johorgu strumenti godda huwa jbiddilhomlu. Fir-rigward ta' din il-konsenja l-konvenut ma kkonfermax li l-parijiet reġgħu ġeddu l-ftehim li kien intlahaq bejniethom dwar l-ewwel konsenja, iżda l-konvenut illimita ruhu billi qal li huwa u l-attur ftehmu biss illi huwa seta' jħallas sitt xhur wara. Dan igieghel lill-Qorti tikkonkludi li l-unika kondizzjoni li ftehemu l-partijiet, dwar it-tieni konsenja, kienet dwar it-terminu li fih kellu jsir il-hlas wara l-konsenja tal-merkanzija. Jirriżulta ukoll mill-provi illi dak li xehed Dennis Vella, u ċioe illi sema lill-partijiet jiftehmu illi meta joħroġ xi strument ġdid fuq is-

suq, l-attur kellu jieħu l-istrument l-antik u jforni lill-konvenut bl-istrument il-ġdid, sar fil-kuntest tal-ewwel konsenja, u mhux fil-kuntest tat-tieni konsenja, li effettivament hi l-mertu ta' din il-kawża u dana stante li jirrizulta li l-ewwel konsenja kienet giet regolarment imhallsa.

Il-konvenut xtaq illi t-tieni konsenja ssir fuq l-istess bazi u l-istess ftehim kif saret l-ewwel konsenja, pero' effettivament ma jirriżultax li hekk hu cioe' li kien sar ftehim li kien jirrigwarda t-tieni konsenja fuq l-istess bazi kif kienet saret l-ewwel konsenja. Il-konvenut xehed li "jiena li ridt huwa li fi kwalunkwe kaz tibqa' fis-sehh il-kondizzjoni li konna ghamilna u konna ftehmna dwarha qabel ma sar l-ewwel bejgh, u cioe' illi huwa kellu jirrimpjazza l-istrumenti konsenjati fil-kaz li johorgu strumenti godda" (vide fol.36). Nonostante li l-konvenut hekk "xtaq" in effett ma jirriżulta minn imkien li kien hemm xi ftehim iehor dwar it-tieni konsenja hlief dwar it-terminu ta' meta kellu jsir il-hlas.

Il-ftehim jirrizulta li sar dwar l-ewwel konsenja u dana kif jikkonferma x-xhud Dennis Vella. Kif gia' gie rilevat l-ewwel konsenja pero' mhux il-mertu ta' din il-kawza. Fir-rigward tat-tieni konsenja, li effettivament hi l-mertu ta' dawn il-proceduri, jista jinghad li ma ġie ppruvat ebda ftehim tax-xorta li kien sar dwar l-ewwel konsenja u ċioe' illi l-attur kellu jirrimpjazza mudelli antiki b'muddelli aktar moderni. Ma jirrizulta ebda ftehim bil-miktub li sar bejn il-partijiet u lanqas ma jirrizulta xi ftehim verbali dwar it-tieni konsenja. Ix-xhud Dennis Vella, li kien l-uniku xhud għal xi ftehim verbali bejn il-partijiet u li xehed pero' illi l-ftehim li sar bejn il-partijiet kien propju dak in-nhar meta l-attur mar ghand il-konvenut biex ibiegħlu l-ewwel konsenja u meta fil-fatt saret l-ordni ghall-ewwel konsenja.

In-natura tar-relazzjoni kummercjali bejn l-attur u l-konvenut ma kinitx waħda formali. Dwar l-ewwel konsenja l-partijiet kienu ftehemu verbalment dwar kondizzjoni partikolari u ċioe' li attur kellu jirrimpjazza mudelli antiki b'muddelli aktar moderni. Fir-rigward tat-tieni transazzjoni l-partijiet ukoll ftehemu bil-fomm pero' biss dwar kif kellu

jsir il-ħlas. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Jirriżulta li l-attur irnexxielu jipprova illi huwa biegħ u kkonsenja lill-konvenut il-merkanzija in kwestjoni u jirriżulta ukoll illi l-konvenut għadu ma ħallasx ghal tali merkanzija.

Fir-rigward tas-sitt eċċezzjoni tal-konvenut ghandu jinghad li l-konvenut ma ippresenta l-ebda kontro-talba li permezz taghha talab id-danni li qed jippretendi li sofra minħabba xi aġir tal-attur. Kwindi ma hemm xejn aktar x'jinghad dwar din l-eccezzjoni.

In vsta ta' dak kollu li gie premess it-talba tal-attur timmerita li tigi akkolta filwaqt li l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi fl-ewwel lok billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talba tall-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf hamsa u sebghin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm1,075.92) ekwivalenti ghal euro elfejn hames mija u sitta u disgha u tmenin centezmu (€2506.89) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-10 ta' Jannar, 1997 cioe' d-data tal-ahhar konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------